Identity Malta Agency
Onda Building, Aldo Moro Road
Marsa, MALTA
MRS9065

# PASSAPORT MALTI ĠDID

## 1 Meta se nbiddlu għall-passaportil-ġdid?

Il-bidla għall-passaport il-ġdid se ssir b'mod gradwali fuq medda ta' snin. L-ewwel passaport ġdid mistenni jkun fiċ-ċirkulazzjoni aktar tard din is-sena.

## 2 Għaliex se jinbidel il-passaport Malti?

Il-Gvern Malti qed iħares lejn l-aħħar teknoloġija biex iċ-ċittadin Malti jkollu f'idejh dokument fost l-aktar avvanzat fejn tidħol sigurtà.

## 3 Kif se ssir din il-bidla?

Din il-bidla se ssir b'mod gradwali u mhux f'daqqa bħalma ġara fil-każ tal-karta tal-identità. Meta jiskadilek il-passaport, jew tmur għall-ewwel darba biex tapplika għal wieħed, se jinħariġlek dan il-passaport il-ġdid. Sadanittant, tista' tibqa tuża l-passaport li għandek bħalissa, bil-benefiċċji kollha li jġib miegħu, sad-data tal-iskadenza tiegħu.

## 4 Jekk għadni kif għamilt passaport ġdid irrid inbidlu xorta waħda?

Le, jekk għadek kif għamilt passaport ġdid jew il-passaport tiegħek għadu validu, m'għandekx għalfejn tbiddlu. Il-passaport li għandek fil-pussess tiegħek bħalissa se jibqa' validu u tista' tibqa' tużah sad-data tal-iskadenza tiegħu. Ġaladarba jiskadilek u tmur biex iġġeddu, se jinħariġlek il-passaport il-ġdid.

## 5 Jiġifieri xorta waħda nista' nibqa' nivvjaġġa bil-passaport li għandi bħalissa?

Iva, jekk il-passaport li għandek f'idejk huwa wieħed validu, inti xorta waħda tista' tibqa' tivvjaġġa bih, bil-benefiċċji kollha li jġib miegħu. Nixtiequ nfakkruk sabiex qabel ma ssiefer tkun ċert li l-passaport tiegħek huwa validu, jekk le, ippjana bil-quddiem u mur ġedded il-passaport tiegħek fl-uffiċċju ta' Identity Malta, f'Evans Building il-Belt Valletta.

## 6 Irrid inħallas aktar biex jinħariġli dan il-passaport il-ġdid?

Le, jekk tiġi biex iġġedded il-passaport tiegħek u jinħariġlek wieħed ġdid, se tibqa' tħallas l-istess miżata li titħallas bħalissa, jiġifieri adulti jħallsu €80 u minuri bejn l-10 snin u l-15-il sena jħallsu €40, filwaqt li tfal taħt l-10 snin iħallsu €16. Meta adult iġedded il-passaport tiegħu bejn Settembru u Marzu, jieħu roħs ta' €10 u minflok iħallas €70.

## 7 X'se jkollu differenti l-passaport il-ġdid?

Il-passaport il-ġdid se jkun wieħed fost l-aktar avvanzati fejn tidħol teknoloġija u sigurtà. Dan se jagħmilha aktar diffiċli biex id-dokument tal-passaport jiġi ffalsifikat. Il-paġna li tinkludi d-dettalji personali tiegħek se tkun f'forma ta' card mehmuża fih u laser engraved. Filwaqt li l-immaġini tal-patrimonju Malti stampati b'inka speċjali fuq il-paġni ta' ġewwa, qegħdin hemm mhux biss għar-raġuni ta' estetika imma wkoll minħabba sigurtà.

## 8 Jiġifieri l-passaport li għandna bħalissa mhux sigur?

Le, il-passaport Malti huwa diġà wieħed sigur u konformi mal-ogħla standards internazzjonali. L-elementi bijometriċi inkorporati fih jagħmluh wieħed aktar sigur. Il-passaport il-ġdid se jkollu dawn l-elementi wkoll fejn l-identità tal-persuna tkun ivverifikata permess taċ-ċertifikati li jkun fiha ċ-ċippa mehmuża mal-passaport.

## 9 Minn fejn nista' mmur biex inġedded il-passaport tiegħi?

Biex iġġedded il-passaport tiegħek trid tmur l-uffiċċju ta' Identity Malta f'Evans Building, il-Belt Valletta. L-Uffiċċju tal-Passaporti jiftaħ f'dawn il-ħinijiet:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-07:30 u s-14:00
- Nhar t'Erbgħa wara nofsinhar mit-15:00 sas-18:00
- Nhar ta' Sibt filgħodu mis-07.30 sal-11:00

Jekk tixtieq tagħmel kuntatt m'uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Passaporti tista' tagħmel dan permezz t'email fuq passports@gov.mt jew fuq +356 2590 4100.